# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 128/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spett. Omar Zammit)**

**Vs**

**John Polidano**
**(K.I. 360965M)**

**Illum, 23 ta' Settembru, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **John Polidano** ta' 57 sena, iben Rosario u Josephine xebba Mangion, imwieled Pietà, nhar id-29 ta' Lulju 1965, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 360965M u residenti ġewwa 47, Triq id-Duluri, Birżebbuġa u akkużat:

1. Talli nhar 24 ta' Novembru 2022 u fil-ġimgħat ta' qabel ġewwa Bormla u/jew bnadi oħra fil-gżejjer Maltin, ġab ruħu b'mod li ta' fastidju lil **Rita Refalo**, persuna li kellu relazzjoni magħha;

2. U aktar talli fi-istess żmien, lok u ċirkostanzi ġab ruħu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan huwa ta' fastidju għal **Rita Refalo**, persuna li kellu relazzjoni magħha;

3. U aktar talli kiser Ordni ta' Trażżin imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Marse-Ann Farrugia LL.D, nhar it-23 ta' Ġunju 2021, fejn il-Qorti kienet provdiet għas-sigurtà ta' Rita Refalo.

4. U aktar talli għamel reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal-erba' snin mogħtija mill- Maġistrat Dr Marse-Ann Farrugia LL. d, nhar it-23 ta' Ġunju 2021, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

5. U aktar talli kiser projbizzjoni jew restrizzjoni mingħajr skuża raġonevoli, imposta fuqu b'ordni tal-artikolu 412C ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta maħruġa mill-Maġistrat Dr. Elaine Mercieca L.L.d. nhar it-30 ta' Jannar 2022.

6. U aktar talli naqas milli jħares kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti Kriminali b'digriet maħruġ nhar 02 ta' Marzu 2022 preseduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D kif ukoll kundizzjonijiet mposti fuqu mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imħallef Dr Giovanni Grixti LL.D. nhar 14 ta' Ottubru 2022, li bihom kien ingħata l-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra John Polidano għall-benefiċċju ta' Rita Refalo u dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet wkoll ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap

9 tal-Ligijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Rita Refalo u f’każ ta' hija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini ta' artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li f’każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar id-19 ta’ Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat illi fis-seduta tas-26 ta’ Marzu 2024, l-akkużat u l-prosekuzzjoni eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma’ x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-akkużat u l-parte ċivile Rita Refalo kellhom relazzjoni u sseparaw f’Jannar 20022. Minn din ir-relazzjoni huma għandhom tifel minuri. Rita Refalo xehdet illi fit-18 ta’ Ottubru 2022 l-akkużat ħareġ mill-ħabs u hi kkuntattjat lill-Aġenzija Appoġġ sabiex isiru l-arranġament u jkollu aċċess għall-minuri taħt superviżjoni skond ordni tal-

Qorti diversa. Qalet li kellmet lill-Aġenzija Appoġġ bil-għan li huma jkellmuħ u tevita li tirċievi ħafna telefonati u messaġġi u anke li jmur wara biebha kif kien jagħmel preċedentement. Qalet, madanakollu, li l-akkużat ma laħaq ebda ftehim mal-Aġenzija Appoġġ għax ma jridx li jkollu aċċess bis-superviżjoni. Qalet, li dakinhar li mar għall-appuntament mal-Aġenzija Appoġġ, ossija fl-24 ta' Novembru 2022 u ma ntlaħaqx il-ftehim, hu mar direttament wara l-bieb tad-dar tagħha u beda jċempel il-qampiena kif ukoll fuq il-mobile tagħha. Filgħaxija baqgħet tirċievi telefonati min-numru ta' ommu. Qalet li fis-27 ta' Settembru 2022 kien hemm madwar 6 telefonati u l-għada kien hemm 5 oħra. Qalet li qabel dawn id-dati hu dejjem iċemplilha tant li tibża tmur ic-childcare tat-tifel għax darba saħansitra sabitu hemm. Kien hemm ġurnata fejn l-akkużat mar ic-childcare jiġbor it-tifel u minħabba l-Ordni ta' Protezzjoni viġenti bejniethom, il-minuri ma tawhulux. Qalet li ġieli jkun hemm kliem ta' theddid ukoll fil-konfront tagħha bħal "Ara ma tmurx għand il-pulizija għax noqtlok" jew "nitfak għal isfel mill-gallarija, ma tarax id-dawl ta' filgħodu". Qalet li l-akkużat ma jaqtax qalbu u kontinwament jibqa' jċempel u jibgħat il-messaġġi, u jmur wara l-bieb tagħha. Qalet li bl-għajnuna tal-pulizija pprovaw isibu kompromess mal-akkużat biex jara lill-minuri u fl-istess ħin jieqad minn din l-insistenza tiegħu. Mistoqsija in kontro-eżami, madanakollu, stqarret li minn wara li ħareġ mill-ħabs, hu kien imur id-dar jara lit-tifel u anke ttieħ x'jiekol u anke kellhom x'jaqsmu flimkien.

L-ispettur Omar Zammit xehed u ta rakkont ta kif sar ir-rapport min-naħa ta' Rita Polidano. Qal li hu kellem lill-akkużat dwar il-bżonn tal-aċċess b'superviżjoni u l-akkużat deher li għalkemm ma jaqbilx ma dan it-tip ta' aċċess, huwa xorta qagħad għal dik l-ordni. Qal li għall-ħabta ta' Diċembru 2022 is-sitwazzjoni bejn l-akkużat u l-parte ċivile kkalmat u anke saqsietu jekk setax ma jmexxix fuq dan il-każ. Qal li ftit jiem qabel ma bdiet il-kawża odjerna, mandanakollu, Rita Refalo għamlet rapport fuq xi argument li kellhom u nħarġu akkużi separati.

Illi r-rappreżentanta tas-soċjetà Melita plc ippreżentat il-call profile tan-numru ċellulari ta' Rita Refalo filwaqt li r-rappreżentant tas-soċjetà GO plc

ppreżenta il-*call profile* u kkonferma n-numru ċellulari reġistrat fuq l-akkużat.

Illi ġie ppreżentat ukoll Social Inquiry Report li sar fuq talba tal-akkużat. Minn dan ir-rapport jirriżulta illi għalkemm kellu trobbija tajba, beda jabbuża mid-droga wara l-mewt ta' missieru. Ipprova kemm-il darba jirbaħ dan il-vizzju però jerġa' jirkadi. Jirriżulta li hu mdejjaq u għandu ħafna rabja għas-sitwazzjoni ta' ibnu minuri. L-uffiċjal ta-probation jirrakkomanda illi l-akkużat għandu jsegwi pjan ta' kura mill-vizzju tad-droga kif ukoll jgħarraf jaċċetta s-sitwazzjoni bejnu u bejn ibnu fejn l-aċċess għandu jkun wieħed taħt superviżjoni. Illi mill-aġġornament ippreżentat mill-istess uffiċjal jirriżulta illi għalkemm ittestja negattiv għad-droga, huwa mhux qed isegwi l-ordnijiet tal-Qorti u mhux qed iżomm kuntatt mal-psikjatra u mal-psikologa u lanqas ma qiegħed iżomm kuntatt regolari mal-Caritas.

Illi fis-16 ta' Settembru 2024, ġie ppreżentat ukoll Rapport mill-Uffiċjal tal-Probation minn fejn jirriżulta illi l-akkużat ma rreġistra ebda progress fl-andament tiegħu u li filfatt lanqas kien qed iżomm ma' l-appuntamenti mogħtija lilu mill-professjonisti u saħansitra ma attendiex għal appuntament mal-konsulent psikjatriku minkejja li obbliga ruħu mal-Qorti li jagħmel hekk.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel żewġ akkużi huma bbażati fuq l-Artikoli 251A(1)(a) u 251A(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Emanuel Sciberras:**[1]

> *"17. Kif inhu minnufih evidenti, mir-rejati kollha ipotizzati fl-artikolu 251A, il-prosekuzzjoni, ghal ragunijiet li taf hi, xliet lill-imputat bl-ewwel tnejn minnhom li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern jistghu jitqiesu kemm komplimentari ghall-xulxin b'mod li jitqiesu*

[1] **Il-Pulizija vs Emanuel Sciberras**, Qorti tal-Appell Kriminali, 29 ta' April 2021 (Appell Nru 149/2015)

> *quid unum jew alternattivi ghall-xulxin kif ukoll indipendenti minn xulxin. Dan huwa rejat wiehed li jista'jiehu diversi forom u la darba l-prosekuzzjoni xliet lill-imputat bi ksur ta' tnejn minn dawn l-iptoezi, allura jehtieg li jkun hemm gudizzju dwar it-tnejn li huma;"*

Illi għalhekk, din il-Qorti ser teżamina l-provi prodotti mill-ottika taż-żewġ akkużi flimkien.

Illi dwar x'jikkonsisti l-element ta' "fastidju", il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut fis-sentenza **Pulizija vs Massimo Tivisini**[2] fejn intqal is-segwenti:

> *Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-*
>
> *"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",*
>
> *dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**" [21.6.07] :-*
>
> *"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

[2] Pulizija vs Massimo Tivisini, Qorti tal-Appell Kriminali, 27 ta' Frar 2009 (Appell Krim Nru 351/2008)

… omissis…

*Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.*"

Illi di più, wieħed mill-elementi essenzjali għas-suċċess ta' dan ir-reat huwa l-element ta' ripetizzjoni. Filfatt, ġie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Emanuel Sciberras** sopra ċitata illi:-

*"18. Kif inhu palezament akkolt fil-gurisprudenza, sabiex tirnexxi l-imputazzjoni tal-fastidju kif ravvizata fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, jehtieg li jkun hemm "a course of conduct" u ghalhekk mhux sufficjenti ghal fini ta' prova jekk jirrizulta li l-allegata molestja sehhet f'okkazzjoni wahda naturalment bil-kelma "okkazzjoni" suggetta ghall-interpretazzjoni"*

Illi stabbiliti dawn il-prinċipji legali, imiss issa li l-Qorti tara jekk il-provi prodotti jissodisfawx l-elementi ta' l-imsemmija reati.

Illi il-*call profiles* ippreżentati in atti jikkombaċjaw fid-dati bejn l-1 ta' Novembru 2022 u l-24 ta' Novembru 2022 u minn analiżi tagħhom jirriżulta s-segwenti għall-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 2022 u l-24 ta' Novembru 2022:

- **Telefonati oriġinati min-numru ta' l-akkużat lejn in-numru tal-*parte ċivile*:**

| | |
|---|---|
| Telefonati li saru u li ma kienux risposti: | 307 |
| Telefonati li saru li i kienu risposti: | 20 |
| **Total telefonati:** | **327** |

- **Telefonati oriġinati min-numru tal-*parte ċivile* lejn dak ta' l-akkużat:**

| | |
|---|---|
| Telefonati li saru u li ma kienux mhux risposti: | 2 |
| Telefonati li saru u li kienu risposti: | 1 |
| **Total telefonati:** | **3** |

- SMS oriġinati min-numru ta' l-akkużat lejn in-numru tal-parte ċivile (għall-perjodu bejn it-3 ta' Novembru 2022 sad-9 ta' Novembru 2022): **91**

- SMS oriġinati min-numru tal-parte ċivile lejn dak ta' l-akkużat (għall-perjodu bejn it-3 ta' Novembru 2022 sad-9 ta' Novembru 2022): **151**

Illi minn din l-analiżi ma hemm ebda dubju li tul il-perjodu ta' 24 jum, l-akkużat ittenta 327 dabra jċempel lill-parte ċivile. Għalhekk, żgur li din ma kienitx okkażjoni ta' darba jew ta' ftit telefonati. Fil-fehma tal-Qorti, dan in-numru konsiderevoli ta' telefonati f'perjodu hekk qasir altru milli jissodisfa l-element ta' "course of conduct" meħtieġ għal dan ir-reat.

Illi minn din l-analiżi, madanakollu, jirriżulta wkoll li l-parte ċivile ċemplitlu 3 darbiet u bgħatitlu 151 SMS. Di più, mix-xhieda tagħha stess jirriżulta illi wara li l-akkużat ħareġ mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin kien hemm żmien fejn għexu taħt l-istess saqaf u anke kellhom x'jaqsmu flimkien. L-akkużat jargumenta li ma jistax ikun li f'ħin minnhom tirrapporta lill-akkużat għaliex qed tibża' minnu u f'ħin ieħor torqod miegħu taħt l-istess saqaf. Id-difiża ssostni li dan huwa każ fejn meta l-parte ċivile jkollha bżonn lill-akkużat tilqgħu u tkompli miegħu u meta tiddejjaq minnu tirrapportaħ lill-pulizija.

Min-naħa tiegħu, jidher li l-akkużat kien daqshekk insistenti fl-aġir tiegħu minħabba x-xewqa qawwija li għandu li jgawdi lil ibnu u jqatta' l-aċċess miegħu mingħajr superviżjoni.

Illi għalkemm huwa ċar li r-relazzjoni bejn l-akkużat u l-parte ċivile hija waħda kumplikata minħabba kemm minħabba t-tifel minuri kif ukoll minħabba r-relazzjoni li kellhom fil-passat, ma jfissirx min-naħa l-oħra li għax il-*parte civile* tikkomunika mal-akkużat jew tilqgħu għandha, allura l-insistenza tiegħu bit-telefonati ma kkawżatiliex fastidju. Għandu jiġi mfakkar li l-akkużat mhux qed jirrinfaċċja akkużi li kkaġuna lill-parte ċivile biża' li ser tintuża vjolenza kontriha ai termini tal-Artikolu 251B, iżda li ġab ruħu b'mod li ta fastidju jew li b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li qed ikun ta' fastidju għal parte civile. Illi di più, huwa ċar li l-episodji fejn l-akkużat kien ikun għand il-parte ċivile u l-espisodji tal-baraxx ta' telefonati seħħew f'perjodi differenti.

Illi l-akkużat ma ressaq ebda prova ai termini tal-Artikolu 251A(3) tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-elementi sopra msemmija u meħtieġa bl-Artikoli 251A(1)(a) u 251A(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali ġew ampjament sodisfatti.

Illi stabbilit dan, jirriżulta wkoll mill-provi illi l-akkużat u l-parte ċivile kellhom relazzjoni bejniethom u anke għandhom wild minuri.  Illi l-Artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali, jrendi l-Artikolu 202 tal-istess kodiċi applikabbli wkoll għar-reati dedotti kontra l-akkużat. Insibu, fl-Artikolu 202(h) illi l-piena stabbilita għar-reati tiżdied bi grad jew tnejn fil-każ li jirriżulta li r-reat ikun sar (i) fuq il-konjuġi attwali jew eks konjuġi, sieħeb f'unjoni ċivili jew koabitant kif ukoll (iv) xi persuna oħra li jkollha jew kellha tarbija komuni mal-ħati. Illi mill-provi prodotti ġie ppruvat li l-akkużat u l-parte ċivile kellhom relazzjoni flimkien kif ukoll għandhom wild flimkien. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, dan l-aggravanti huwa applikabbli għall-każ *de quo*.

Ikkonsidrat;

Illi t-tielet akkuża tirrigwardja l-ksur ta' Ordni ta' Trażżin impost minn din il-Qorti diversament ippresjeduta nhar it-23 ta' Ġunju 2021. Illi mill-vera kopja ta' dan l-Ordni ippreżentata in atti jirriżulta li l-akkużat kien ipprojbit għal żmien tlett snin milli, fost l-oħrajn, jimmolestja lill-*parte ċivile* Rita Refalo.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta ampju li l-akkużat kiser din il-kondizzjoni imposta fuqu u b'hekk il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova anke din it-tielet akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi r-raba' akkuża tirrigwardja t-twettiq ta' reat li għaliħ hemm piena ta' priġunerija waqt li kien qed iservi sentenza ta' priġunerija għal żmien sentejn li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A ġiet sospiża għal erba' snin dekoribbli mit-23 ta' Ġunju 2021. Illi mid-dettalji mogħtija fl-imsemmija sentenza, il-Qorti m'għandhiex dubju li l-akkużat odjern huwa l-istess persuna li kontriha ngħatat l-imsemmija sentenza. Jirriżulta mix-xiehda tal-Assistent Reġistratur illi din is-sentenza saret definittiva.

Illi l-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali jistipula li meta persuna tinstab ħatja ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, liema reat ikun sar matul il-perijodu operattiv ta'sentenza sospiża, dik il-qorti għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda isseħħ. L-Artikolu 28B(2), madanakollu, jistipula wkoll li jekk il-qorti jkun jidhrilha, minħabba fiċ-ċirkostanzi kollha magħdudin il-fatti ta' dak ir-reat ieħor, li ma tkunx ħaġa ġusta ġġib fis-seħħ is-sentenza ta' priġunerija kif imsemmi, hija tista' tittratta mal-ħati billi jew (a) tastjeni milli tagħmel ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) u l-perijodu operattiv għandu f'dak il-każ jibqa' fis-seħħ; jew (b) tibdel l-ordni oriġinali magħmul bis-saħħa tal-artikolu 28A(1) billi minflok il-perijodu operattiv hemm speċifikat tagħmel perijodu li jkun jiskadi mhux iktar tard minn erba' snin mid-data tal-bdil.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li r-reati li nstab ħati tagħhom bis-sentenza tat-23 ta' Ġunju 2021 huma simili ħafna għal dawk odjerni u huma diretti, *inter alia*, lill-parte ċivile Rita Refalo. Jirriżulta wkoll mis-Social Inquiry Report u mill-aġġornament tiegħu li l-akkużat, minkejja li ngħata diversi opportunitajiet ta' għajnuna għar-rijabilitazzjoni tiegħu mill-vizzju tad-Droga, għajnuna psikoloġika u anke psikjartrika, huwa rrifjuta li jadempixxi ruħu magħhom u ma attendiex għall-appuntamenti kull meta ġie rikjest.

Illi l-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-komportament tal-akkużat u jidrilha li: (i) il-fatt li huwa kkommetta r-reati odjerni ftit xhur wara li ġie rilaxxat mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin; (ii) il-fatt huwa reġa' kkommetta reati simili għal dawk li tagħhom instab ħati minn din il-Qorti diversament ippresjeduta u kontra l-istess parte ċivile; (iii) il-fatt li huwa ma kkowoperax mall-professjonisti meta ngħata ċ-ċans li jibda programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u lanqas ma approfitta ruħu mill-għajnuna psikjartrika u psikoloġika (iv) il-fatt li għandu karattru refrattarju kif ipprovat mill-Fedina Penali estensiva tiegħu; ikun ta' ftit utilità li l-Qorti terġa ġġedded il-perjodu operattiv ta' l-imsemmija sentenza tat-23 ta' Ġunju 2021. L-għajn aħħari ta' sentenza sospiża huwa li l-ħati jirriforma ruħu u joqgħod attent li ma jxellifx difrejħ mal-liġi tul il-perjodu operattiva. Huwa ċar għall-Qorti li l-akkużat għad m'għandux ir-rieda li jirriforma ruħu u għalhekk il-Qorti tara li l-unika triq li għandha hija li ġġib fis-seħħ il-piena ta' priġunerija hemm indikata.

Ikkonsidrat;

Illi l-ħames akkuża tirrigwardja l-ksur tal-Ordni ta' Protezzjoni imposta fuq l-akkużat minn din il-Qorti, diversament ippresjeduta, nhar it-30 ta' Jannar 2022.

Illi l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova ta' dawn il-kondizzjonijiet, u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tressaq provi sodisfaċenti fir-rigward ta' din l-akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi permezz tas-sitt akkuża, il-prosekuzzjoni tallega illi l-akkużat naqas li jikkonforma ruħu mad-Digrieti mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar it-2 ta' Marzu 2022 u nhar l-14 ta' Ottubru 2022 li bihom ingħata l-ħelsien mill-arrest. Illi vera kopja ta' dawn id-Digriet ġiet ippreżentata in atti u kkonfermati mill-Assistent Reġistratur.

Jirriżulta illi meta l-akkużat wettaq dawn ir-reati, iż-żewġ digrieti kienu għadhom viġenti u b'hekk, il-prosekuzzjoni rnexxielha wkoll tipprova din is-sitt akkuża skont il-liġi.

Ikkonsidrat

Illi l-prosekuzzjoni talbet ukoll il-ħruġ ta'  Ordni ta' Trażżin (Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali) u l-irbit tal-ħati b'obbligu (Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali).

Illi fid-dawl tal-ossessjoni li l-akkużat jidher li għandu sabiex jikkomunika mal-parte ċivile, il-Qorti tara li jkun aħjar li torbot lill-akkużat b'Ordni ta' Trażżin u dan anke sabiex tiġi protetta l-istess parte ċivile. Il-Qorti tifhem li l-għan aħħari tal-akkużat huwa li jara lill-ibnu iżda l-ewwel pass li jrid jagħmel huwa li jieħu ħsieb il-problemi li għandu, jew kif jgħidu bl-Ingliż *he gets his house in order*, u imbagħad ifittex l-għajnuna legali sabiex ikun assistit.

Illi l-prosekuzzjoni talbet ukoll il-ħruġ ta’ Ordni ta’ Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-Qorti temmen ħafna li tali ordni huwa ta’ għajnuna kbira għal persuna soġġetta għalih, liema għajnuna, madanakollu, tista tingħata biss jekk l-istess persuna tkun lesta li toqgħod għalih u tagħmel is-sagrifiċċji meħtieġa sabiex tgħeleb id-diffikultajiet li jkollha.

Mill-provi prodotti jirriżulta, madanakollu, li l-akkużat għadu m’huwiex preparat li jagħmel dan il-pass sabiex itejjeb ħajtu, kif jixhdu d-diversi appuintamenti li falla mal-professjonisti kif sopra msemmi. Hija l-fehma tal-Qorti li l-imposizzjoni ta’ din l-Ordni fuq l-akkużat se tkun aktar ta’ piena indiretta milli ta’ benefiċċju u dan għaliex jekk huwa ma jottermporax ruħu ma’ dan l-Ordni se jkollu konsegwenzi legali u piena skont il-liġi. B’hekk, fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti ma tarax li tali Ordni hija idonea għall-akkużat f’dan l-istadju ta’ ħajtu, u għalhekk ser tiċħad it-talba.

Ikkonsidrat;

Illi finalment, fir-rigward tal-piena għar-reati odjerni, il-Qorti hi tal-fehma, anke għar-raġunijiet sopra esposti, li piena karċerarja effettiva hija rakkomandata għal dan il-każ anke għaliex l-akkużat ingħata diversi opportunijiet ta’ riforma fil-passat tiegħu u baqa’ jirreżisti tali għajnuna bil-persistenza tiegħu fl-aġir illeċitu kontra l-imsemmija Rita Refalo. Tali piena, min-naħa l-oħra m’għandiex tkun waħda lejn il-massimu anke għaliex iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ preżenti ma jimmeritawx li tali piena tkun waħda severa.

Illi għalhekk, fir-rigward tal-piena stabbilita mill-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta l-Qorti ser tagħti piena ta’ priġunerija ta’ ftit xhur filwaqt li

fir-rigward tal-piena stabbilita mill-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ser tagħti l-minimu ta' erba' (4) xhur priġunerija.

Illi fir-rigward tal-ewwel u t-tieni akkużi, hija l-fehma tal-Qorti li l-piena għat-tieni akkuża għandha tiġi assorbita f'dik għal-ewwel akkuża peress li huma reati li jemanu mill-istess fatti.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 28A, 28B, 31, 251A(1)(a), 251A(1)(b), 251A(4), 202(h), reż applikabbli bl-Artikolu 222(1), 412Ċ(11) u 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lil **John Polidano <u>ħati</u>** tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt akkuża u qed timponi fuqu piena komplessiva ta' sena (1) priġunerija effettiva, filwaqt li qed tilliberaħ mill-ħames akkuża.

Illi inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti:

- Mhux qed tirrevoka l-Kondizzjonijiet tal-Ħelsien mill-Arrest imposti fuq l-akkużat mill-Qorti Kriminali nhar it-2 ta' Marzu 2022 iżda qed tordna l-konfiska parzjali mid-depożitu hemm mogħti bħala ħarsien ta' dawk il-kondizzjonijet fl-ammont ta' tlett mitt Ewro (€300);

- Mhux qed tirrevoka l-Kondizzjonijiet tal-Ħelsien mill-Arrest imposti fuq l-akkużat mill-Qorti Kriminali nhar l-14 ta' Ottubru 2022 iżda qed tordna l-konfiska parzjali mid-depożitu hemm mogħti bħala ħarsien ta' dawk il-kondizzjonijet fl-ammont ta' tlett mitt Ewro (€300);

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed tordna illi s-sentenza sospiża, ossija il-piena ta' sentejn (2) priġunerija imposti fuq John Polidano minn din il-Qorti diversament ippresjeduta fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ġunju 2021 għandha tibda sseħħ mil-lum;

In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel ordni ta' trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' Rita Refalo għall-perjodu ta' sentejn (2) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-iskadenza jew maħfra tal-piena mogħtija b'din is-sentenza jew bis-sentenza erogata minn din il-Qorti nhar it-23 ta' Ġunju 2021, skont liema tiġi skontata l-aħħar, u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

Illi l-Qorti qed tiċħad it-talba tal-prosekuzzjoni għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġunijiet espressi f'din is-sentenza.

Illi finalment, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma ġew inkarigati ebda esperti f'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza u tad-Digrieti mogħtija kontestwalment lill-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**